# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487  Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt          Web-Page: www.lc.g


Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 13/2017

27 ta' Novembru 2017

`

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:5:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |
| Publio Abdilla | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

13.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsilliera Joanna Abdilla kienet ċemplet illi ser tittardja ftit.

13.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

13.2.1 Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

13.2.2 Il-Kunsillier s-Sur Carlo Stivala kkonferma illi ref punt 12.4.10 illi veru diġa' kien hemm STOP sign.

13.2.2 Il-Viċi-Sindku qal illi ref punt 12.4.4 għalkemm Triq il-Ħajt Ruman kienet inkinset pero' kien għad fadal x'jinġabar.

13.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk konniex informajna ref punt 12.4.16. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet għad trid tikkuntatjhom.

13.2.4 Is-Sindku qal illi kien tkellem mas-Sur Hickey ref punt 12.2.2 li jixtieq erba' bollards mad-dar tiegħu pero l-Kunsill kollu qabel illi dawn jistgħu ikunu ta' periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku qal illi kien proponhielu sabiex s-sign Mind the Balcony teħel ma pole u mhux mal-faċċata tad-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel illi forsi linja bajda bil-cat eyes tista' tkun gwida għax-xufiera.

13.2.5 Il-Viċi-Sindku staqsa jekk konniex solvejna l-problema tal-ilma fix-xelters għaliex kien hemm persuna li kienet qiegħda titlob sabiex xi darba żżur ix-xelters. Is-sindku qal illi rridu nsolvu din il-problema l-ewwel.

13.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 12.3.2 kien qed isir it-tiżjin fi Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku kkonferma illi konna żidna xi 3 stilel oħra. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal illi għandna naraw li l-armar ikun professjonali.

13.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla saqsa jekk konniex ktibna lil Enemalta minħabba l-pole li hemm fi Triq tal-Ajzar. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kkonfermat illi kienet bagħtet fuq dan l-ilment.

13.2.8 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi ref punt 12.8 kienet qiegħda tikkuntatja lil Perit tal-Kuntrattur sabiex tara kienx ħallas għal permess sabiex isir it-Tarmak fi Triq tal-Palma għaliex id-deadline kienet it-30 ta' Novembru. Hija qalet ukoll illi l-Perit kien qed jassigurha illi l-permess kien tħallas u li ma kellhomx aktar minn ġurnata xogħol sabiex ilestu t-tarmak fi Triq tal-Palma.

13.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ref punt 12.10 u 12.11 jekk konniex bdejna naħdmu fuq il-website u l-booklet tal-Heritage Trial. Is-Sindku qal illi kien ġie l-photographer li ġibed xi ritratti, is-Sur Paul Callus li kien ser jaħdem fuq l-iscript kien imħabbat ħafna pero' diġa' għaddhielna xi xogħol.

13.3 Kominikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-Sindku qal illi ref punt12.14.3 fi Sqaq Santa Marija min talab biex titneħħa l-ħadida kien qiegħed jabbuża billi jipparkja fl-isqaq sigħat twal. Apparti minn hekk, is-Sindku qal illi bejn is-Sibt u l-Ħadd il-ħadida kienet insterqet u li kien għamel rapport lil pulizija. Is-Sindku qal ukoll illi sabiex ma jkunx hemm dan l-abbuż għandha terġa' teħel il-ħadida fi Sqaq Santa Marija u li għandna nibagħtu l-pulizijia sabiex min qed jabbuża għandu jingħata ċitazzjoni għaliex il-Kunsill qatt ma qabel illi xi ħadd jista' jħalli l-karozza pparkjata fl-isqaq. Il-Kunsill qabel illi għandna nerġgħu nkellmu lil din il-persuna u li għandna nerġgħu nagħmlu l-ħadida.

13.3.2 Is-Sindku qal illi kien irċieva ilment illi persuna li għandha basement fi Triq Dun Karm Vella meta tiġi biex toħroġ il-vettura qiegħda ssibha diffiċli jekk ikun hemm karozza pparkjata. Il-Kunsill qabel illi għandna niċċekjaw ma Transport Malta sabiex naraw jekk għandhomx isuru double yellow lines f'din it-triq.

13.3.3 Is-Sindku qal ukoll illi kien qiegħed jirċievi ħafna lmenti minħabba parkeġġ ħażin f'Żurrieq Road ħdejn il-Convenience Shop. Is-Sindku qal ukoll illi kien kellem lil Lesa sabiex ikun hawn aktar sorveljanza u jmexxu t-traffiku bejn il-5:00 u s-7:00 ta' filgħaxija u li ma kienx jixtieq illi nieħdu xi miżuri izjed drastici pero' issa l-problema eskalat ħafna anke peress li t-traffiku minn triq il-Kuccard lejn Vjal ix-Xarolla qed jigi ddevjat minn triq Dun Karm Lia sakemm jitlestew ix-xogholijiet fi Vjal ix-Xarolla.

13.3.4 Is-Sindku qal illi kien avviċinah is-Sur Lee Seychell b'talba sabiex il-Kunsill japrova Car Show lejn l-aħħar ta' Jannar 2018. Peress illi din kienet inizjattiva' li xtaqet li torganizza l-Kunsilliera Joanna Abdilla, il-Kunsill qabel li għandna naraw jekk nistgħux nikkordinaw Car Show waħda flimkien.

13.3.5 Is-Sindku qal illi kien attenda meeting nhar l-Erbgħa 20 ta' Novembru 2017 flimkien mal-Kapillan, rappreżentant tal-Kurja, Membru Parlamentari l-Onorevoli Julia Farrugia u Segretarju Parlamentari Onorevoli Agius Deċelis fuq il-proposta tan-Night Shelter. Is-Sindku qal illi s-Segretarju Parlamentari huwa favur li jkun hemm Night Shelter pero' minħabba li l-ispiża hija enormi, bħala Gvern qiegħdin jipproponu illi l-binja ma tkunx għal Night Shelter biss pero' filgħodu tintuża bħala Ċentru għad-Dimenzja.

13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

13.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi nhar l-erbgħa 29 ta' Novembru kienet ser issir laqgħa għall-ġenituri fis-7:00 pm fis-sala tal-kunsill.

13.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet ser torganizza upsailing nhar il-Ħadd 10 ta' Diċembru, ħarġa għall-Christmas Village ir-Rabat u jumejn Ruma għall-aħħar Sibt u Ħadd ta' Jannar 2018. Hija qalet ukoll illi kienet qiegħda tiġi organizzata Food Bank fejn jinġabru ikel għal persuni fil-bżonn. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

13.4.3 Il-Kunsilier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-Iskola ta’ San Benedittu waħħlu xi poster ma’ tabella tat-traffiku li tinsab fejn il-Gnien ta’ Rqajja. Huwa saqsa ukoll għaliex il-Kunsill kien qiegħed jisbogħ il-bankina bi strixxi bojod u suwed. Is-Sindku qal li kienu qiegħdin isiru sabiex ikunu jidhru u jaghtu dehra isbah.

13.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi kien qiegħed jaħseb illi fl-Agenda kienu ser jiġu diskussi l-proġetti tal-Erasmus+ li l-Kunsill ta’ Ħal Safi attenda għalihom. Hawn is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla taw tagħrif dwar iż-żewġ proġetti li attendew għalihom.

13.5 Attivitajiet għal Żmien il-Milied

13.5.1 Is-Sindku qal illi l-party tat-tfal ser isir nhar il-Ħamis 28 ta' Diċembru 2017 bejn id-9:00am sa nofsinhar. Huwa qal illi għandna nżommu l-prezz l-istess bħas-sena l-oħra u li bhala animation ser ikollna lil 4Teenth Productions.

13.5.2 Is-Sindku qal illi l-Kappillan kien talab lil Kunsill sabiex bħas-snin preċedenti nerġgħu norganizzaw Kunċert tal-Milied flimkien mal-Parroċċa. Dan ser isir nhar il-Ħamis 28 ta' Diċembru fis-7:00 pm il-quddiem fil-knisja parrokjali. Il-Kunsill qabel mal-kunċert.

13.5.3 Is-Sindku qal illi kien qiegħed jgħaddi lill-Kunsill il-lista tan-nies housebound sabiex naġġornawha. Il-Kunsill qabel illi għandna nsaqsu lill-Kappillan ħalli l-lista tkun aġġornata sewwa.

13.5.4 Is-Sindku qal ukoll illi din is-sena l-Ikla tal-Anzjani ser issir nhar il-Ħadd 7 ta' Jannar 2017. Il-Kunsill qabel illi bħala entertainment għandna nerġgħu ngħidu lil John Muscat għaliex in-nies jallegrahom hafna. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet irċiviet żewġ kwotazzjoniijiet waħda ta' 15 Euros u oħra ta' 17.50 Euros. Id-Deputat Segretarju qalet illi min kien tana l-kwotazzjoni ta' 15 Euros kien diġa' ħadmilna u konna ħriġna ta' nies. Il-Kunsill qabel illi għandna nmorru għall-irħas kwotazzjoni.

13.6 Update Tender tal-Bulky Refuse

13.6.1 Id-Deputat Segretarju qalet illi nhar it-Tlieta 14 ta' Novembru 2017 kienu nfetħu t-tenders tat-Bulky Refuse. Hija qalet illi kienu intefgħu tlett offerti,

Offerta (1) 1.48 Euros (vat eskluz) - per household

Offerta (2) 2.46 Euros (vat eskluz)

Offerta (3) 2.68 Euros (vat eskluz)

Is-Sindku qal illi l-offerti kollha huma compliant u jissuġerixxi illi għandna nmorru għall-irħas offerta. Il-Kunsill qabel.

13.7 Korrispondenza

13.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi s-Sur Raymond Zammit li joqgħod fi Triq il-Menqa qiegħed jgħid illi jekk il-Kunsill ser jibqa' jżomm l-istess deċiżjoni huwa kien ser jimbarra l-bankina. Is-Sindku qal illi l-bankina veru baxxa pero' iddur fejn iddur kullimkien il-bankini kollha jitbaxxew quddiem il-garaxxijiet inkluz bankini godda li qed isiru f'toroq li huma responsabbli ghalihom Transport Malta. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ha din id-decizjoni f'laqgha precedenti tal-Kunsill u li ma kienx accettabbli li xi hadd jigi l-Kunsill u jhedded li se jiehu l-ligi b'idejh. Irriserva wkoll id-dritt li jiehu passi ulterjuri jekk xi hadd imiss xi bankina li finalment hija propjeta' tal-Kunsill.

13.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

13.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.17pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 18 ta' Diċembru 2017 fil-5:30pm

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |